MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-20 ta' Awwissu, 2007

Numru 56/2007

Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)

vs

John Xuereb

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra John Xuereb li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar id-19 ta' Awwissu 2007, gewwa Triq tal-Hamrija, Xewkija, ghal habta ta' l-ghaxra u kwart ta' filghaxija (22.15):

(a) Volontarjament gharraq il-hwejjeg ta' Rose Spiteri, liema hsara hija ta' aktar minn hamsin lira Maltija (Lm50) izda ma taqbizx mitt lira Maltija (Lm100).

(b) Ukoll talli fl-istess jum uza apparat tat-telekomunikazzjoni ghal ghanijiet li ma kinux dawk ipprovduti ghalih u dan bi ksur ta' l-Artikolu 35(1)(d) ta' l-Att numru XXXIII ta' l-1997 u cioe Att biex jirregola t-telekomunikazzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghet illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana anke wara illi l-Qorti tatu zmien sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni maghmula mill-imputat f'dana l-istadju bikri tal- proceduri, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Illi dwar piena il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni is-segwenti fatti:-

(a) Il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri;
(b) Il-fedina penali tal-imputat;
(c) Mill-provi ma rrizultax li kien hemm incidenti simili ghall-kaz in kwistjoni.
(d) Il-fatt li l-imputat jidher li ddispjacieh ghal dak li ghamel u dispost ukoll li jaghmel tajjeb ghall-hsara li kkaguna fil-proprjeta' ta' Rose Spiteri.
(e) Is-sottomissjonijiet li saru kemm mill-Prosekuzzjoni u d-difensur tal-imputat dwar il-piena.

Il-Qorti, ghaldaqstant qieghda taqta' u tiddeciedi billi fuq ammissjoni ta'l-imputat u wara li rat l-artikoli 325 tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 35(1)(d) tal-Att numru XXXIII ta' l-1997 u cjoe' l-Att biex Jirregola l-Komunikazzjonijiet Elettronici u l-Artikolu 22 tal-Att dwar Probation (Kap. 446) issib lill-imputat John Xuereb hati ta' l-akkuzi kif dedotti u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula qeghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li hu ma jikkommettix reat iehor fi zmien tmintax-il xahar mil-lum.

Il-Qorti qeghda tikkundanna wkoll lill-imputat sabiex ghat-tenur ta' l-Artikolu 24 tal-Kap. 446 ihallas id-danni li

kkaguna fil-proprjeta’ ta’ Rose Spiteri u li ma teccedix is-somma ta’ mitt lira Maltija (Lm100).

Il-Qorti qeghda wkoll ghat-tenur ta’ l-Artikolu 383(1) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9) sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Rose Spiteri torbot lill-imputat b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ tmien mitt Maltija (Lm800) ghall-perjodu ta’ tnax-il xahar mil-lum sabiex ma jimmolestax jew jivvessa lill-istess Rose Spiteri.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dana il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------